**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum 7 ta' Lulju, 2020**

**Rikors Guramentat numru : 205/2014 AL**

**A B C**
**f'isimha proprio u**
**f'isem iz-zewg uliedha minorenni D u E.**

**-vs-**

**F B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attriċi, li permezz tiegħu li ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fis-16 ta' Dicembru tas-sena 1997 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u immarkat bhala Dok A.

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied bl-isem ta' D B li twieldet nhar l-1 ta' Gunju 1998 u li l-llum ghandha hmistax-il (15) sena u E li twieldet nhar id-29 ta' Dicembru 1999 u illum ghandha tlettax il-(13) sena.

Illi l-hajja konjugali tal-kontendenti saret impossibbli minhabba adulterju, abbandun sevizzi, eccessi, minacci, u ingurji gravi kommessi mill-konvenut kontra l-attrici, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-kawza.

Il-konvenut huwa obbligat li mhux biss imanti lill-imsemmija uliedu, izda wkoll li jhallas ghal kull manteniment minnu dovut mhux biss ghall-futur izda ukoll ghall-manteniment arretrat sa mis-26 ta' Dicembru 2005.

Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma waslitx ghall-ftehim bonarju ta' separazzjoni personali u dan kif jirrizulta mill-anness dokument markat Dok B.

Illi l-komunjoni ta' l-akkwisti jehtieg li tigi xolta u likwidata.

Talbet li l-konvenut, jgħid għaliex għar-raġunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B minhabba adulterju, abbandun, sevizzi, eccessi, minacci, u ingurji gravi kommessi mill-konvenut kontra martu l-attrici, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, oltre dan, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.

2. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 48, 50, u 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta fis-shih jew parzjalment b'dan illi jekk ikun il-kaz, il-konvenut jitlef kull jedd li ghandu ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila ta' l-attrici u dan minn data illi tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenut ikun ta lok illi ssir din is-separazzjoni.

3. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti okkorrendo b'opera ta' perit nominand.

4. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali.

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuratur sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

6. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, l-oggetti parafernali taghha u fin-nuqqas tikkundannah ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi hekk likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominand.

7. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik is-somma li tigi likwidata in linea ta' manteniment ghaliha personali u ghall-ulied minuri D

u E okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, u liema somma ghandha tirrifletti dak li kien ikollu jhallas il-konvenut sal-lum mis-26 ta' Dicembru 2005 u cioe' mid-data meta abbanduna d-dar konjugali sad-data tas-sentenza effettiva u ohra gjonaljiera u cioe' 'per diem' inkluz l-imghax.

8. Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' C.

9. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, inkluz l-ispejjez tal-atti tal-medjazzjoni, kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa (fol 17):

1. Illi dwar il-fatti u allegazzjonijiet rilevati fir-rikors promotur mertu ghal din ir-risposta, l-konvenut jixtieq jirrileva s-segwenti, u cioe` illi hemm qbil li l-kontendenti partijiet kienu żżewġu fis-sittax (16) ta' Dicembru, tas-sena elf disa` mija sebgħa u disgħin (1997), ġewwa r-Reġistru taż-Żwieġ, il-Belt, Valletta u minn liema żwieġ, twieldu żewġt itfal, bl-isem ta' D B li twieldet nhar l-ewwel (1) ta' Ġunju tas-sena elf disa` mija u tmienja u disghin (1998) u preżentement għandha sittax (16) -il sena u E li twieldet nhar id-disgħa u għoxrin ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija disgħa u disgħhin (1999) u preżentement ghandha erbatax (14) -il sena u cioe` ta' eta` minorenni;
2. Illi huwa minnu wkoll li l-ħajja konjugali bejn il-kontendenti partijiet saret impossibbli u li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment izda kienet l-istess attrici li rrendiet ruħha responsabbli fil-konfront tal-konvenut ta' *inter alia* adulterju, sevizzi, eċċessi, moħqrija, minaċċi, vjolenza psikologika, theddid, nġurji gravi u abbandun tad-dar matrimonjali;
3. Illi fid-dawl tal-preġudizzji ssollevati mill-attriċi in kwantu referibbli għall-fatt li l-konvenut huwa obbligat li jħallas ghal kull manteniment dovut minnu mis-sitta u għoxrin (26) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħamsa (2005) jiġi rilevat li l-istess konvenut ilu jonora l-ordnijiet ta' ħlas ta' manteniment b'mod kostanti versu uliedu matul ħajjithom kollha. Izda f'dak li jirrigwarda l-obbligu tal-manteniment arretrat li qiegħda tesiġi l-attrici sa mis-sitta u għoxrin (26) ta' Diċembru tas-sena elfejn u hamsa (2005) jiġi rilevat li

kienet l-istess attriċi li mingħajr ma kkonsultat lill-konvenut mit-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) abbandunat lill-uliedha, allontanat ruħha mill-Gzejjer Maltin u bagħtet lil uliedha jirrisjedu mas-sorijiet ta' San Guzepp tal-Apparizzjoni kif ser jiġi ppruvat mal-prosegwiment tal-kawza odjerna;

4. Illi f'dak li jirrigwarda n-nuqqas tal-partijiet li jaslu ghal ftehim bonarju sussegwentement għal proċeduri ta' medjazzjoni, jiġi rilevat li l-konvenut għamel sforzi estenwanti sabiex jintlaħaq ftehim mal-attriċi dwar il-firda personali ta' bejniethom, l-istess ftehim baqa` ma sehhx unikament minħabba r-rebgħa tal-attrici f'dak li jirrigwarda d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti;
5. Illi hemm qbil li l-komunjoni tal-akkwisti bejn l-istess partijiet jeħtieġ li tiġi xolta u likwidata;
6. Illi in kwantu dwar it-talbiet attriċi, l-konvenut jixtieq jirrileva s-segwenti, u cioe` f'dak li jirrigwarda l-ewwel (1) talba għandha tiġi miċħuda peress illi kif ser jirrizulta ampjament ċar mix-xhieda mressqa mill-konvenut fil-mori tal-kawza odjerna l-attrici hija unikament responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ u inoltre l-istess attriċi ilha tgħix ħajja separata minn mal-konvenut għal snin sħah;
7. Illi in kantu għat-tieni (2) talba attriċi, din it-talba għandha tiġi miċħuda stante li l-komportament tal-konvenut kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza odjerna qatt ma wasslu sabiex huwa jiddekadi minn sehmu fil-komunjoni tal-akkwisti. Dawn l-allegazzjonijiet attriċi, li kif ser jirrizulta f'din il-kawza m'huma xejn ħlief insinwazzjonijiet abbuzivi sabiex b'hekk l-istess attrici tkun tista` malizjozament tibbenifika ruħha mill-effetti tal-Artikolu 48 *et seq* kif ukoll mit-telf tal-jeddijiet tal-konvenut imsemmijin fl-artikolu 631 u 633 tal-Kodici Civili, Kapitolu sittax (16) tal-Liġijiet ta' Malta. Semmai d-disposizzjonijiet tal-artikoli ċitati mill-attriċi għandhom jiġu applikati fil-konfront tagħha stess;
8. Illi in kwantu għat-tielet (3), ir-raba` (4) u ħames (5) talba attriċi, il-konvenut jaqbel illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u sussegwentement tordna li l-istess oġġetti formanti parti mill-istess komunjoni jiġu divizi f'żewġ porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali li jiġu assenjati lill-kontendenti partijiet kif jiġi stabbilit u ordnat minn din l-Qorti, occorendo bl-opera ta' periti nominandi u Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-att relattiv;
9. Illi in kwantu ghas-sitt (6) talba, din għandha tigi miċħuda stante li l-oggetti parafernali tal-istess attrici diġa jinsabu fil-pussess tagħha stess, anzi għandha tkun l-istess attriċi li tikkonsenja fi żmien qasir u perentorju lilha konċess minn din l-Qorti l-affarijiet parafernali u dotali tal-konvenut li prezentement jinsabu fil-pussess tal-attrici u

fin-nuqqas tikkundannaha thallas lill-konvenut l-valur taghhom kif jiġi hekk likwidat occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

10. Illi in kwantu għas-seba` (7) talba attriċi, din it-talba għandha tiġi miċħuda u dan peress li l-istess attriċi li hija mara intelliġenti u b'saħħitha u ta' eta` relattivament zgħira m'ghandha xejn li prezentement qieghed izommha milli toħroġ taħdem. Dan qieghed jinghad fid-dawl tal-fatt li kien l-istess konvenut li ghalkemm kien u ghadu f'qaghda finanzjarja prekarja ghall-ahhar, huwa xorta baqa` fil-limitazzjonijiet tieghu jmantni, jieħu ħsieb u jindukra lil uliedu D B u E B wara li l-istess attrici fit-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) u mingħajr ma kkonsultat lill-konvenut abbandunat lill-minuri mas-Sorijiet ta' San Ġużepp tal-Apparizzjoni u allontanat ruħha mill-Gzejjer Maltin mingħajr ma qatt ikkontribwiet għall-ispejjez finanzjarji tal-istess minuri;

11. Illi in kwantu għall-istess talba attriċi, il-konvenut jirrileva li l-istess attriċi tagħmel talba għal manteniment arretrat kemm għaliha kif ukoll għal uliedha izda ma tagħmel l-ebda talba sabiex din il-Qorti taqta` u tiddeċiedi dwar is-setgħat tal-ġenituri, kif ukoll l-kura u l-kustodja tal-istess minuri, dan ma juri xejn aktar ħlief ir-rebgħa li l-istess attriċi għandha għal flus kif ser jiġi muri ulterjorment mal-andament tal-kawza odjerna;

12. Illi l-konvenut ma jsibx ebda oġġezzjoni ghat-tmien (8) talba attriċi fejn hija talbet l-awtorizazzjoni ta' din l-Qorti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` C;

13. Illi in kwantu għad-disa` (9) talba hemm qbil li s-sentenza eventwali ta' din il-Qorti tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku.

14. Salv risposta ulterjuri.

Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi fil-proċeduri ta' Medjazzjoni kontra l-attriċi li minn issa hija nġunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li permezz taghha ippremetta :

1. Illi l-kontendenti partijiet zzewgu fis-sittax (16) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1997), ġewwa r-Reġistru taż-Żwieġ, il-Belt, Valletta u minn liema żwieġ twieldu żewġt itfal, bl-isem ta' D B li twieldet nhar l-ewwel (1) ta' Gunju elf disa` mija u tmienja u disgħin (1998) u preżentement għandha sittax (16) -il sena u E li twieldet nhar id-disgħa u għoxrin ta' Dicembru tas-sena

elf disa' mija disgħa u disgħhin (1999) u preżentement ghandha erbatax (14) -il sena u cioe` ta' eta` minorenni;

2. Illi l- attrici rrendiet ruħha ħatja ta' *inter alia* adulterju, sevizzi, eċċessi, moħqrija, minaċċi, vjolenza psikologika, theddid, nġurji gravi u abbandun tad-dar matrimonjali fil-konfront tar-rikorrenti, b'mod illi llum il-ġurnata bejn il-kontendenti tirriżulta inkompatibilita' ta' karattru tant li l-istess żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli;
3. Illi r-rikorrenti qieghed jipprevalixxi ruhu mir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici rikonvenzjonata sabiex jipprezenta l-kontro-talba tieghu;
4. Illi l-konvenut jaf b'dawn il-fatti personalment.

Talab in vista tal-premess, li l-attrici tghid ghaliex din Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti partijiet ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-attrici rikonvenzjonata u dan minhabba *inter* alia adulterju, abbandun, sevizzi, eccessi, minacci, u ingurji gravi kommessi mill-attriċi rikonvenzjonata kontra r-rikorrenti, u dan kif ser jiġi pruvat fil-mori ta' din il-kawza;
2. Takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri liz-zewg partijiet kif ukoll tordna li l-konvenut ghandu jkollu d-dritt li jezercita access liberu u ampju ghall-istess minuri D u E ahwa B C;
3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u sussegwentement tordna li l-istess oġġetti formanti parti mill-istess komunjoni jiġu divizi f'żewġ porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali li jiġu assenjati lill-kontendenti kif jiġi stabbilit u ordnat minn din l-Qorti, occorendo bl-opera ta' periti nominandi u Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-att relattiv;
4. Tapplika kontra l-attrici rikonvenzjonata interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 48 *et seq* kif ukoll l-artikolu 631 u 633 tal-Kodici Civili, Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta u dan skont kif din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi tal-kaz;
5. Tikkundanna lill-attrici rikonvenzjonata sabiex tikkonsenja lill-konvenut l-beni kollha parafernali u dotali tieghu u separatament tordna illi l-konvenut jiġi mogħti lilu l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali u dotali tiegħu;

Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi fil-proċeduri quddiem il-Medjatriċi kontra l-attriċi rikovenzjonata li minn issa hija ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonanti;

Rat ir-risposta guramentata tal-attrici ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, li permezz taghha eccepiet : (fol. 28):

1. Illi l-esponenti taqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet madankollu mhux bi ħtija tagħha izda bi ħtija tal-konvenut.
2. Illi t-tieni talba għandha tigi miċħuda fis-sens illi l-konvenut mhuwiex idoneju li jassumi l-kura u l-kustodja tagħhom, l-anqas konġunta. L-esponenti abbanduna lil uliedu għal bosta snin.
3. Illi l-esponenti taqbel mat-tielet talba.
4. Illi r-raba' talba għandha tiġi miċħuda stante li l-attriċi ma taħtix għas-separazzjoni tal-kontedenti.
5. Illi din it-talba ghandħa tiġi miċħuda stante illi l-esponenti ma għandha l-ebda beni parafernali tal-konvenut fil-pussess tagħha.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici rikonvenzjonata;

Semgħet lix-xhieda li tressqu, rat il-provi li ġew prodotti;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat in-nota' ta' sottomissjonijiet tal-konvenut;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għallum;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi il-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi, fejn fir-rikors promotur intalbet is-separazzjoni personali, l-intimat intalab sabiex iħallas manteniment adegwat għall-attriċi u għall-ulied minuri. Il-Qorti ntalbet illi tapplika kontra l-intimat d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili, kif ukoll italbet ixxolji il-komunjoni tal-akkwisti u sabiex tillikwidaha billi taqsamha f'żewġ porzjonijiet. Il-Qorti ntalbet tordna l-intimat jikkonsenja l-oġġetti parafernali, u biex tawtorizza lill-attriċi tirreverti għall-kunjom xbubitha. Illi saret kontro-talba da parti tal-intimat, fejn qed tiġi mitluba s-separazzjoni personali, b'tort unikament imputabbli lir-rikorrenti. Il-Qorti ntalbet takkorda l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri, u takkorda lill-missier aċċess liberu għall-istess ulied
tal-komunjoni tal-akkwisti u illi d-dekadenzi stipulati fl-artikolu 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili jiġu applikati kontra r-rikorrenti, u sabiex ir-rikorrenti tikkonsenjalu l-beni parafarnali kollha tiegħu. Dwar il-kura u kustodja tal-minuri, ir-rikorrenti wieġbet fir-risposta tagħha għall-

kontro-talba li l-intimat mhuwiex idoneju li jassumi l-kura u kustodja tal-ulied minuri stante li abbanduna lil uliedu għal bosta snin u li hija ma taħtix għas-seperazzjoni personali.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

Il-partijiet iżżewġu fis-16 ta' Diċembru 1997, kif jirriżulta mill-att taż-żwieġ esebit bħala Dok A. Illi jirriżulta li twieldu żewġt itfal minn dan iż-żwieġ, D li twieldet fl-1 ta' Ġunju 1998 u E li twieldet fid-29 ta' Diċembru 1999. Jirriżulta wkoll, li wara li l-partijiet ma baqgħux igħixu flimkien u sseparaw *de facto*, uliedhom inżammu fid-Dar San Ġużepp għal xi żmien, u D ħarġet minn din id-dar qabel E. Illi l-ħajja konjugali bejn il-kontendenti ma baqgħetx aktar possibbli, u l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma waslitx għal ftehim bonarju, kif jirriżulta minn Dok B.

**<u>Provi:</u>**

Illi A B C xehdet permezz ta' affidavit fejn qalet li meta ltaqgħet mal-intimat hi kellha biss sittax-il sena, u meta bdew jidħlu għand xulxin kien hemm diffikultajiet familjari, ommu kienet qaltlu lir-rikorrenti u familtha kellhom stil ta' ħajja oħra finanzjarjament, huma komplew joħorġu flimkien u kien saħansitra ġie joqgħod għand ommha għal xi żmien. Spjegat li F dak iż-żmien kien ħa skema ta' LM2,500 mit-Tarzna fejn kien jaħdem, u kienu raw post f'Bormla u xtrawh. Qalet li ommha kienet ftehmet ma' F, tatu lura l-ammont ta' LM2,500 u beda jħallas il-loan ħuha G. F'dak iż-żmien hi ħarġet tqila, u ddeċidew li jiżżewġu ta' malajr fis-16 ta' Diċembru 1997. L-attriċi xehdet dwar il-proprjeta` fi triq il-Konservatorju Bormla,u qalet li hi u l-ġenituri tagħha flimkien ma' F kienu marru kollha flimkien meta kien sar il-konvenju, fejn F kien ħareġ LM2500 u ommha kienet sellfithom LM3000. Żiedet tgħid li ż-żwieġ tagħha ma' F ma qabadx it-triq it-tajba, kien hemm ħafna indħil familjari minn ommu. Sussegwentement, il-problemi tagħhom komplew jiżdiedu anke finanzjarjament, peress li F kien waqaf jaħdem u kienu jgħixu bir-relief. Dak iż-żmien kienu krew il-fond fi Triq il-Konservatorju Bormla, u l-konvenut kien ppretenda li tgħaddilu l-flus tal-kera. Wara li D għalqet għaxar xhur, l-attriċi reġgħet kienet tqila u wara t-twelid ta' E, inqala' aktar inkwiet familjari, u meta E kellha erba' xhur l-attriċi ħarġet taħdem ġo fabbrika, u xi tlett xhur wara sabet xogħol ieħor fil-weekends, u sussegwentement f'restaurant bħala dishwasher. Darba minnhom rritornat lura mix-

xogħol fis-siegħa ta' filgħodu, hu kien telaq bit-tfal, u wara ħafna rapporti u interventi tal-Pulizija, il-partijiet iddeċidew li jibqgħu jgħixu ħajja separata fl-istess dar għall-ġid tat-tfal, iżda dan l-arranġament ma damx għaliex inqala' inċident meta ħu F kien ġie għaliha bis-senter, hi minn dak iż-żmien beżgħet u ma baqgħetx tgħix fid-dar matrimonjali għal żmien twil.

L-attriċi kompliet tixhed illi hija kellha taħdem f'restaurant fil-weekends u ma kellhiex ma min tħalli t-tfal, għalhekk fittxet l-għajnuna tal-Appoġġ, li kienu qalulha biex tħalli t-tfal f'Dar San Ġużepp Żabbar. Hija fittxet xogħol barra minn Malta u bdiet taħdem barra minn Malta sakemm it-tfal kienu f'din id-dar. Iżda meta l-attriċi kienet barra minn Malta, kienet irċeviet telefonata li D ma kinitx qed taġixxi sew u li tawha xi mistura bħala kalmant, u li ma kinitx għadha ġod-dar iżda kienu fdawha fil-kura ta' F. Xehdet li F kien ċempillha u qallha li D ma riditx toqgħod aktar miegħu u spiċċat żammitha ommha għaliex hi kellha terġa ssiefer fuq xogħol. Fil-frattemp, E kien għadha ġol-home ta' San Ġużepp, u anke sempliċement biex tkellimha bit-telefon kien diffiċli sakemm il-minuri kienet damet hemm. Żiedet tgħid li waqfet mix-xogħol barra minn Malta biex terġa' tiġi taħdem f'Malta u tkun tista' tgħix flimkien ma' uliedha, F baqa' ma kkontribwixxa xejn għall-ulied għalhekk fit-28 ta' Ottubru 2013 hi ppreżentat rikors għall-manteniment, konsegwentement ingħata digriet fil-21 ta' Jannar 2014, Dok C.

Illi J Chircop, rappreżentant tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, xehed u ppreżenta Dok SS1 rendikont tal-benefiċċji li F B rċieva bejn l-1997 u l-2014, u qal li llum ma jieħu xejn. Esebixxa wkoll Dok DSS2, rendikont tal-benefiċċji li rċeviet ir-rikorrenti mill-1997, u qal illi għadha tirċievi l-benefiċċji soċjali sal-lum.

Illi xehed J Saliba rappreżentant tal-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ u esebixxa l-employment history ta' F B bħala Dok ETC1. Xehed ulterjorment u esebixxa Dok JP1 u Dok JP2, l-employment history tal-partijiet.

Stephen Cachia rappreżentant ta' Transport Malta, xehed u esebixxa Dok TM1 u Dok TM2, rendikont tal-vetturi reġistrati f'isem F B, u Dok TM3 u Dok TM4, li juri l-vetturi reġistrati f'isem ir-rikorrenti.

Illi xehed l-ispettur Maurice Curmi u esebixxa Dok PA1 sa PA7, seba' rapporti li r-rikorrenti għamlet fil-konfront ta' żewġha.

Illi xehed G C permezz ta' affidavit fejn qal li hu jiġi ħu A B, qal li l-problemi bejn A u F bdew għaliex F kien isib xogħol u jitlaq, u omm F kienet ikkaġunat ħafna problemi. Żied igħid li oħtu u F kienu xtraw fond iżda minħabba l-problemi finanzjarji ma setgħux ikomplu jirranġawh, ommu ssuġġeriet li jixtruh terzi, għaddew il-fond lilu u kompla jħallsu hu, u sussegwentement oħtu u F kellhom jagħmlu konvenju fuq fond ieħor. Ikkonferma li meta żżewġu, oħtu u F ħejjew kollox ta' malajr. Xehed li huma kienu jħallulu lit-tfal biex jieħu ħsiebhom peress li t-tnejn kienu jaħdmu f'restaurant, u kien hemm waqtiet meta F lanqas biss kien jiġi għat-tfal, iżda eventwalment F kien akkużah li sawwat lit-tifla, u b'hekk ma baqax iħalli t-tfal miegħu iżda ħallihom m'oħt F. Sussegwentement xehed li l-kuntatt bejnu u bejn A u F naqas. A kellha titlaq mid-dar fejn kienu joqgħodu flimkien hi u F, u kienu bdew jisseparaw. Xehed li oħtu dak iż-żmien ma kellha lil ħadd iżda F kien ammetta ma' ommu li kellu mara oħra. Spjega li mbagħad hu kien nqata' minn magħhom għaliex anke għal xi żmien mar igħix barra minn Malta.

Illi xehed F B in subizzjoni u qal li kien ħa l-ammont ta' LM2500 mix-Shipbuilding, iżda dan meta kien għadu għarus. Kien uża dawn il-flus biex jixtri l-fond fi Triq Konservatorju Bormla li kien jiswa biss LM3000. Ċaħad li omm ir-rikorrenti sellfithom il-flus, imma kien ħuh li sellfu l-flus. Żied igħid li lil D u E ilu erba' snin ma jarahom, hu kien jieħu ħsieb it-tfal ukoll preċedentement meta ommhom ma kinitx tieħu ħsiebhom. Dwar meta t-tfal uliedhom kienu l-istitut, xehed li D kienet inħarġet mill-istitut u t-tfal ġiet miegħu għal xahar biss, u sussegwentement marret man-nanna, u t-tifla l-oħra baqgħet l-istitut. Żied igħid li t-tfal illum għandhom sittax-il sena u tmintax-il sena, il-kbira għadha tistudja u t-tfal llum igħixu ma' ommhom. Spjega li hu jaħdem deliveryman mal-kumpanija Iceland fuq bażi full-time, u jaħdem b'paga fissa u jaqla' Ewro 800 fix-xahar, u ilu jaħdem f'dan l-impieg għall-aħħar ħames xhur.

Illi xehed F B permezz ta' affidavit[1] fejn qal li hu u A iżżewġu fis-16 ta' Diċembru 1997 fir-Reġistru taż-Żwieġ, u miż-żwieġ twieldu żewġt itfal, D u E. Spjega li meta żżewġu, A kienet diġà tqila bit-tifla u ppreċiża li għalkemm kellhom ftit inkwiet familjari, ommu mhux veru ma aċċettatx lil A, meta ndunat li jħobbha, u waqfet tgħidlu biex

[1] A fol 280 et seq.

jitlaqha. Xehed li mhuwiex minnu li ommu keċċietu mid-dar iżda hu telaq u għal ftit taż-żmien kien mar joqgħod ma' ħu A. Żied igħid li hu kien issellef ħames mitt Ewro mingħand ħuh biex jirranġaw il-post, u illi omm A kienet sellfithom xi flus ukoll sussegwentement, imbagħad kienu xtraw fond ieħor fi Triq il-Konservatorju f'Bormla, u A marret toqgħod miegħu bl-intenzjoni li dan il-fond iservi bħala d-dar matrimonjali tagħhom. Spjega li malli żżewġu beda l-inkwiet u qal illi qatt ma sab koperazzjoni mingħand il-familja tagħha lanqas biex iżommu t-tfal, u ħu A kien  jitlob il-flus talli jżomm it-tfal.  Xehed li meta l-ispejjeż bdew jiżdiedu, martu kienet ħarġet taħdem u meta kienet qabdet taħdem f'Għar Lapsi kienet tasal tard ħafna mix-xogħol, u  kellha wiċċ ħaddieħor, u hi mbagħad bdiet takkużah li hu wkoll kellu mara oħra ta' nazzjonalità` Ċiniża.  Żied igħid li sussegwentement ma baqgħux igħixu flimkien, u d-dar fi Triq il-konservatorju kien jikriha u bil-kera li qala' kien igħin lil familtu u xehed illi A kienet sussegwentement qaltlu biex iżomm it-tfal iżda hu ma kellux fejn iżommhom, għalhekk it-tfal spiċċaw fl-istitut,  iżda hu meta kienu l-istitut, hu ma abbandunax lit-tfal iżda kien dejjem imur jarahom fi tmiem il-ġimgħa. Meta t-tfal kienu l-istitut, D kienet iddejqet hemm u ċemplulu s-sorijiet, u kien ħadha għand omm A. Żied igħid li llum ilu ma jara t-tfal u li huma ma jkellmuhx.

F' xiehda ulterjuri qal li kien żżewweġ għax kellu tifla qabel iż-żwieġ, u wara ż-żwieġ kien jgħaddi lill-attriċi LM50 fil-ġimgħa. Spjega li wara ż-żwieġ kienu għexu ma' omm A u kien kera l-post li kellu f'Bormla  u sussegwentement krew post f'San Lazzru Bormla biex igħixu fih u damu igħixu hemm sakemm isseparaw. Il-konvenut ikkonferma li omm u missier A kienu tawhom xi LM3000 biex jirranġaw il-fond XX Triq X Bormla u wara li sseparaw iltaqa' ma' ommha, u ta nofs dawn il-flus lil omm ir-rikorrenti.  Xehed ukoll li ma kellux problemi ta' alcohol, u li kienu f'xi żewġ okkażjonijiet li hu kien fis-sakra.

Illi in kontro-eżami l-intimat xehed u esebixxa Dok MC 1 li juri l-bilanċ tal-house loan li jammonta għal Ewro8432.29, Dok MC2, irċevuta li turi li l-intimat għamel il-pagament fit-2 ta' Awissu 2013 li turi li ħallas Ewro4216.88, nofs il-bilanċ dovut, Dok MC3, dikjarazzjoni tal-ġenituri tal-mara li turi li ħallashom sehmu  cjoe` in-nofs dovut, datat  12 ta' Awissu 2013, Dok MC4 kuntratt tal-fond Q, Triq Q Cospicua, li juri li hu xtara dan il-fond qabel iż-żwieġ.  Spjega li hu ma setax jieħu t-tfal mill-istitut iżda ma abbundanahomx u baqa' jmur jarahom, u xehed li b'kollox D damet tlett snin fl-istitut u  E damet ħames snin fl-istitut. Hu kkjarifika li qabel id-digrieti tal-Qorti dwar il-manteniment, it-tfal ma kinux ma' A u għalhekk ma kienx taha manteniment għat-tfal.  Huwa

ppreċiża illi meta xehed li l-flus li ħa mis-Shipbulding u ċjoe` l-ammont ta' Lm2500, dawn il-flus kien ħariġhom għall-fond fi Triq il-Q Bormla. Hu kkonferma li għall-konvenju ta' dan il-fond kienu marru hu, r-rikorrenti u ommha, iżda A kienet qaltlu biex jagħmel il-fond fuq ismu. Il-konvenut xehed illi l-fond fi Triq Y Bormla kien inxtara wkoll qabel iż-żwieġ, ħuha ma tahx flus u kien ittrasferixxa sehmu lil ħu A, u ma jafx x'għamlet A bis-sehem tagħha. Żied igħid li llum hu jirrisjedi fil-fond W, Triq il-W Rabat.

Illi H I xehdet u qalet li hi toqgħod f' Q Triq il-Q Bormla u li tikrih mingħand mingħand F B, ilha tikrih għal għaxar snin, għandha ktieb tal-kera li juri riċevuti sa mis-sena 2010 u kienet għamlet ukoll mill-2003 sal-2008 f'dan il-fond. Xehdet li tħallas Ewro 250 kull sitt xhur u żiedet tgħid li f'dan il-fond id-dawl kien jsejjaħ lill-A iżda qalbitu fuqha, u l-kera tħallasha lil F.

Illi xehed J B, ħu l-intimat u qal li wara ż-żwieġ kien sellef lil F l-ammont ta' Lm2500 jew LM3000, fejn qallu li kellu bżonnhom għall-ħajja, u baqa' sal-lum ma ħallsux. Muri Dok JC1, ikkonferma l-firma tiegħu iżda qal li mhux hu kiteb dak id-dokument.

Illi xehdet Sister Bernadette Galea li qalet li taf lill-partijiet peress li t-tfal tagħhom kienu ġew fid-dar Sagra Familja f'Lulju 2004. Ikkonfermat li t-tifla l-kbira damet magħhom sat-28 ta' Lulju 2005 u telqet f'Diċembru 2007 għax bdiet tagħti hafna 'trouble' fl-iskola u kien ħadha missierha, u t-tifla ż-żgħira baqgħet hemm sas-sena 2011. Spjegat li t-tfal ġew magħhom b'mod volontarju għax kienu ma' missierhom li ma setax jieħu ħsiebhom waħdu, il-missier kien jiġi għalihom u l-omm ma kinitx tiġi għalihom, u meta jċemplulha ma kinitx tirrispondi. Ix-xhud esebiet Dok SB1, ittra tal-avukat tar-raġel u Dok SB2 r-risposta tagħhom, Dok SB3, Making Action plan ta' D , Dok SB5, meta riedu joffru facilitator lil D, Dok SB6, psychological report dwar D, Dok SB7, ir-raġuni għaliex ġew għandhom t-tfal, Dok SB7, Making Action Plan ieħor fuq D, Dok SB8, dokument ta' meta l-missier ħareġ it-tifla D mid-dar, Dok SB9, l-istorja ta' E, Dok SB10, rapport tal-pulizija li ghamlet omm it-tfal, Dok SB11, ittra mill-avukat tar-raġel, Dok SB12 dokument li juri li min-naħa tad-Dar ħallsu l-ispejjeż kollha għat-tfal.

Illi xehdet Sister Denise Vassallo, u kkonfermat li t-tfal tal-partijiet kienu għandhom, u hi kienet tieħu ħsieb dak kollu li kellhom bżonn it-tfal. Spjegat li l-missier xi drabi kien preżenti fil-ħajja tat-tfal u xi drabi oħra le, u l-omm xi darbi ġiet tieħu t-tfal u mbaghad iġibhom

lura. Żiedet tgħid li taf li l-omm kienet imsiefra għal xi żmien, u t-tfal riedu jcemplulha iżda huma ma kinux jafu fejn iridu jċemplu.

Illi xehdet Alison Mifsud Brimmer in rappreżentanza tal-HSBC Malta plc u qalet li konġuntivament f'isem il-partijiet hemm loan accounts li baqa' jitħallas lill-Bank sal-14 ta' Mejju 2018 fl-ammont ta' (Ewro 2067.66, u l-loan kien ittiehed fit-23 ta' Lulju 2001.

Illi Joanna Bartolo xehdet in rappreżentanza tal-Bank of Valletta u qalet li kien hemm loan konġunt f'isem il-partijiet li ngħalaq Dok BOV1, u illi Dok BOV2 jirreferi għal kont li għadu miftuh f'isem il-mara, iżda f'isem ir-raġel ma sabet l-ebda kont.

<u>Rapport tal-Perit Legali Dr. Anna Mallia</u>

Il-Perit Legali, nominata mill-Qorti, biex tirrelata dwar il-każ in diżamina kkonkludiet is-segwenti:

B'referenza għat-talbiet tar-rikorrenti, ġie kkonstatat hekk:
"Mill-provi jirriżulta manifestament li l-partijiet ilhom separati *de facto* għal diversi snin u ma hemmx lok ta' rikonċiljazzjoni u għalhekk l-ewwel parti tat-talba attriċi għandha tiġi milqugħa."
"Tenut kont li l-partijiet ilhom aktar minn erba' snin separati *de facto* hemm lok ukoll sabiex huma jagħmlu talba addizzjonali sabiex iż-żwieġ tagħhom jinħall ċioe` talba għad-divorzju."

Dwar ħtija tal-firda, rigward adulterju, mill-provi ma jirriżulta xejn li l-partijiet kienu ħatja ta' adulterju fil-konfront ta' xulxin. Iżda, ġie konkjuż;
"Illi fil-fehma tal-perit legali, jirriżulta li kien hemm abbandun, servizzi, eċċessi u inġurji gravi u dan prinċipalment mir-raġel li għandu <u>tlett kwarti tat-tort u l-mara għandha kwart tat-tort</u> stante li fil-fehma tal-perit legali hija wkoll ikkontribwiet għal din il-firda, kemm fil-komportament tagħha lejn żewġha kif ukoll billi ħasbet li s-soluzzjoni għal dawn il-problemi kienet li temigra u t-tfal taqfilhom fl-istitut. Il-perit legali qed tatribwixxi lir-raġel tlett kwarti tat-tort stante li huwa ma għarafx iġib l-interessi tal-familja tiegħu qabel il-flus u dejjem ra kif għamel biex ma jirsistix għall-familja tiegħu."

Dwar it-tielet talba, l-applikazzjoni tal-artikoli 48,50, 51 tal-Kodiċi Ċivili, ġie rilevat mill-Perit Legali li l-abbandun ai termini tal-artikolu 41 tal-Kap 16 ġara ferm wara li l-partijiet akkwistaw l-uniku fond li għandhom u li jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti, tant li kif

ammettiet l-attriċi stess fir-rikors ġuramentat tagħha, l-abbandun sar fis-26 ta' Diċembru 2005, għalhekk il-konvenut ma jistax jingħad li tilef nofs dan l-akkwist ai termini tal-artikolu 48(1)(c) tal-Kodiċi Ċivili. Madankollu, ġie kkonstatat, li: "....l-fehma tal-perit legali li dan jiġi rifless fl-arretrati ta' kera li l-konvenut għandu jgħaddi lill-attriċi fis-sens li huwa għandu jgħaddilha tlett kwarti(3/4) tal-arretrati kollha dovuta lill-attriċi mis-26 ta' Diċembru 2005 sal-lum."

B'referenza ghar-raba' talba tar-rikorrenti, dwar il-kura u kustodja tal-ulied, jirriżulta li llum m'għadx hemm pendenza dwar dan peress li l-ulied illum it-tnejn huma maġġorenni u t-tnejn għażlu li jirrisjedu ma' l-omm.

Dwar manteniment għar-rikorrenti, fil-fehma tal-Perit Legali, din it-talba għandha tiġi miċħuda.

Referibbilment għat-talba tal-manteniment għall-ulied, u l-provi tal-arretrati tal-manteniment, ġie kkonstatat hekk:

"Għaldaqstant, provi ta' arretrati ta' manteniment mid-data tal-ewwel digriet tal-Qorti ma saritx, prova ta' arretrati ta' nofs l-ispejjeż tal-edukazzjoni u saħħa sat-18 ta' Frar 2016 fl-ammont ta' Ewro1176.11 saru u għalhekk huma dovuti mill-konvenut.

Sakemm it-tfal tal-partijiet jibqgħu jistudjaw full-time, l-Mcast u tinġab prova ta' dan (stante li prova ta' dan ma ngabitx) l-manteniment jibqa' dovut u fl-umli fehma tal-perit legali għandu jiġi awmentat għal (ewro200 għal kull wild stante li huwa ferm baxx biex igħixu żewġ xebbiet li qed jistudjaw (dejjem jekk dan huwa l-każ).
Arretrati ta' manteniment mis-26 ta' Diċembru 2015 kif qed titlob l-attriċi, għal dak li jirrigwarda t-tifla l-kbira, dan għandu jkun dovut minn meta hija telqet mill-istitut mit-28 ta' Lulju 2005 sakemm ingħata l-ewwel digriet fil-21 ta' Jannar 2014 u fir-rigward taż-żgħira minn meta telqet mill-istitut fis-sena 2011 u sakemm ħareġ l-ewwel digriet fil-21 ta' Jannar 2014. Dan għandu jkun l-ammont ta' mitejn ewro (Ewro200) għaż-żewġ ulied u dan dejjem sakemm din il-Qorti ma jidhrilhiex mod ieħor."

Għat-talbiet rimanenti, ġie kkonstatat hekk:

Kull parti għandha tiġi assenjata l-vetturi reġistrati f'isimha.

Ladarba, mill-flus parafernali li kellu r-raġel huwa tefagħhom biex xtara l-fond Q, Triq il-Q Bormla, il-fond huwa parafernali tiegħu, għalhekk ebda kreditu parafernali ma huwa dovut lir-raġel. Id-dejn dovut lil omm ir-rikorrenti mill-istess rikorrenti jammonta għas-somma ta' Ewro 4216.88, li hi dovuta esklussivament mir-rikorrenti stante li l-konvenut diġà ħallas sehmu.

Dwar l-allegazzjoni tar-rikorrenti li ommha sellfet flus lill-konvenut, biex jixtri l-fond, Q, Triq il-Q Bormla, din ma ġietx ippruvata. Dwar il-fond X, Triq X Bormla, li kien jinkera għal LM150 fis-sena, il-perit legali hija tal-fehma li kemm il darba r-rikorrenti għadha tirrisjedi f'dan il-fond, tali kirja għandha tiġi assenjata lilha.

Is-self mal-bank li sar konġuntivament mill-partijiet fi żmien iż-żwieġ u ċjoe` fit-23 ta' Lulju 2001, meta l-partijiet kienu miżżewġin, għandu jitħallas mill-partijiet konġuntivament.

Dwar l-allegat self ta' flus ta' LM7000 mingħand ħu l-konvenut, ma tressqitx prova dwar dan l-allegat self sal-grad rikjest mil-liġi, għalhekk jekk sar tali self dan għandu jitħallas mill-konvenut waħdu.

Mill-provi jirriżulta li r-rikorrenti biss għandha kont bankarju mal-BOV, fejn għadha tirċievi l-assistenza soċjali, liema kont għandu jibqa' proprjeta` tagħha għall-ħtiġijiet tagħha ta' kuljum.

Dwar il-kera tal-fond, X, Triq il-X Bormla, liema dar matrimonjali tal-partijiet kienet b'kera, il-Perit Legali hija tal-fehma li l-konvenut għandu jgħaddi nofs il-kera perċepita għal dan il-fond, lir-rikorrenti sa mid-data tas-separazzjoni *de facto*, u ċjoe` mis-26 ta' Diċembru 2005.

"Għaldaqstant, fil-fehma tal-Perit Legali, l-konvenut għandu jgħaddi ai termini tal-artikolu 48(1)(c) tal-Kodiċi Ċivili u stante li lilu qed tiġi attribwita tlett kwarti (3/4) tal-ħtija, tlett kwarti tal-kera u l-arretrati dovuta mis-26 ta' Diċembru 2005 sal-lum, u mil-lum il quddiem l-inkwilina għandha tiġi ordnata tgħaddi nofs il-kera lill-attriċi u nofs il-kera tal-konvenut.

Spejjeż ta' manutenzjoni tal-istess fond ikun a karigu tal-partijiet konġuntivament.

Il-Perit Legali hija tal-fehma però li dan il-fond kemm-il darba ma jibqax jinkera, għandu jinbiegħ u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet."

Ma nġiebet l-ebda prova dwar oġġetti parafernali, għalhekk is-sittax il talba ma tistax tintlaqa'. Dwar is-sbatax-il talba, ir-rikorrenti tista' tirreverti għal kunjom xbubitha.

Referibbilment għall-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonat, ġie kkonstatat is-segwenti mill-Perit Legali:

L-ewwel talba għas-separazzjoni personali għandha tintlaqa', iżda l-ħtija hija tlett kwarti tal-konvenut u kwart għar-rikorrenti. It-tieni talba llum hija sorvolata għax it-tfal huma maġġorenni. It-tielet talba għax-xoljiment u d-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti għandha tiġi milqugħa. Ir-raba talba tiġi miċħuda, u l-ħames talba dwar beni parafernali u dotali mhijiex ippruvata.

<u>Dwar ir-Responsabbilta għat-Tkissir taż-Żwieġ</u>

Ir-rikorrenti tindika fir-rikors promotur li l-konvenut huwa ħati għat-tkissir taż-żwieġ minħabba adulterju, abbandun, servizzi, eċċessi, minaċċi u inġurji gravi. Min-naħa l-oħra, l-konvenut fil-kontro-talba, jinkolpa lir-rikorrenti għat-tkissir taż-żwieġ, għall-istess raġunijiet imsemmija mir-rikorrenti.

<u>Dwar l-Adulterju:</u>

L-artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi: "Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra."

<u>Dwar l-Eċċessi , il-Moħqrija, il-Minaċċi u/jew l-Inġurji Gravi</u>

Il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula: "Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax-iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment."

Fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs Edward Thompson[2], ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, servizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi ppruvata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta isemmi l-moħqrija, illi minn ġurisprudenza kostanti tirreferi għas-servizzi[3] bħala bażi għas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deċiża mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, ġie enunċjat illi: "Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala servizzi."

Fis-sentenza ġia ċċitata fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi, l-inġurji jew offiżi gravi ġew definiti bħala li "jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz." Fis-sentenza,ġja ċċitata, Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud[4], ġie ritenut "l-inġurji gravi ma ġewx speċfikatament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom."

l-**eċċessi** gew imfissra fl-istess sentenza appena ċċitata, Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud: "eċċessi jfissru atti mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjetà kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' periklu għall-ħajja tal-parti l-oħra."

<u>L-abbandun</u>

L-artikolu 41 tal-Kap 16 jistipula: "Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba."

Mid-diċitura tal-artikolu u wkoll mill-ġurisprudenza kostanti jirriżulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bħal din tirnexxi huma tnejn: l-ewwel illi l-

---

[2] Deciza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar it-12 ta' Mejju 1925, u kkwotata fis-sentenza deciza minn din l-Onorabbloi Qorti diversament ippreseduta mill-Onorevoli Mhallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' ottubru 2003 (cit. Numru 1677/1995/RCP).

[3] Ara s-sentenza fl-ismijiet Antoienette Cauchi vs Alexander Cauchi, deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili preseduta mill-Imhallef Raymond C. Pace fit-2 ta' ottubru 2003 (Cit. Numru 1677/1995/RCP).

[4] Vol.XLV C.ii.708.

abbandun idum għal sentejn jew iżjed, it-tieni li l-abbandun seħħ mingħajr raġuni tajba.

Din il-Qorti, wara eżami akkurat tal-provi, u wara li rat il-verżjonijiet kunfliġġjenti tal-partijiet, u l-karenza ta' prova rigward l-allegazzjonijiet tal-partijiet, taqbel perfettament mal-analiżi u l-kostatazzjonijiet tal-Perit Legali, li l-adulterju ma ġiex ippruvat bl-ebda mod fir-rigward ta' ħadd mill-partijiet. Madankollu, jidher li r-raġel abbanduna l-familja billi ma kompliex jirrisjedi mal-familja tiegħu, fil-fatt ma baqax igħix flimkien bħala familja ma' martu u uliedu. Għalhekk, tenut kont tal-fatti u ċirkostanzi tal-każ, taqbel mal-konkluzjonijiet peritali, li l-ħtija tal-firda għandha tkun tlett kwarti tal-konvenut, u kwart għar-rikorrenti. Fil-fatt, ir-raġel ma ħax ħsieb jindokra lil familtu finanzjarjament, fejn jirriżulta li l-kontendenti kienu igħixu bl-għajnuna soċjali u bil-kera tal-fond f'Bormla fejn suppost kellhom jirrisjedu huma bħala familja. Di piu`, ż-żewġ partijiet ma qegħdux fl-ewwel post l-interess ta' uliedhom, billi l-omm kienet sussegwentement iddeċidiet li titlaq taħdem barra minn Malta, mingħajr ma ressqet xi prova ta' xogħol u introjtu kellha barra u ħalliet lit-tfal fl-istitut, u meta mill-istitut kienu ċemplu lill-missier u mar għal waħda mill-ulied, li ma riditx tibqa' toqgħod ma' missierha u ttieħdet tgħix ma' omm ir-rikorrenti. Dawn il-fatti u ċ-ċirkostanzi juru li l-partijiet it-tnejn kienu ħatja tat-tifrik taż-żwieġ, tlett kwarti tal-ħtija qed tiġi attribwita lill-konvenut u kwart tal-ħtija qed tiġi attribwita lir-rikorrenti.

Illi wara eżami tal-assjem tal-provi u tar-relazzjoni tal-Perit Legali, din il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex taddotta l-kostatazzjonijiet kollha peritali abbażi tal-evalwazzjonijiet u r-raġunijiet spjegati fir-rapport. Għalhekk, fid-dawl ta' dan din il-Qorti ser taddotta fl-intier tiegħu r-rapport tal-Perit Legali Dr. Anna Mallia.

<u>It-tieni talba tal-konvenut rikonvenzjonant għall-kura u kustodja tal-ulied u għal aċċess liberu.</u>

Il-mertu ta' din it-talba illum jinsab eżawrit peress li ż-żewġ ulied huma maġġorenni, għalhekk l-ulied huma liberi li jagħżlu huma ma min jirrisjedu u ma' min jkollhom aċċess.

Għaldaqstant, tiċħad it-tieni talba tar-rikorrent rikonvenzjonant stante li l-ulied huma maġġorrenni.

<u>Manteniment għall-ulied</u>

Illi r-rikorrenti qed titlob il-manteniment għall-ulied. Jirriżulta mill-provi li ż-żewġ ulied kienu fl-istitut minn Lulju 2004, D waħda mill-ulied, baqghet fl-istitut sat-28 ta' Lulju 2005 u t-tifla l-oħra baqgħet fl-istitut sas-sena 2011. Jirriżulta li meta ħarġet l-ewwel tifla D u marret għand missierha din ma baqgħetx toqgħod miegħu, u kellha tmur toqgħod ma' omm ir-rikorrenti. Ma tirriżulta l-ebda prova ta' għajnuna finanzjarja li l-missier għadda lil uliedu f'dan il-perjodu u lanqas fi żmien ieħor. Jirriżulta wkoll mill-atti, li permezz ta' digriet tal-Qorti datat 21 ta' Jannar 2014[5], ir-rikorrent ġie ordnat iħallas l-ammont ta' Ewro300 fix-xahar bħala manteniment għal uliedu. Sussegwentement permezz ta' digriet ieħor datat 18 ta' Frar 2016[6], il-Qorti ordnat lill-konvenut iħallas il-manteniment ta' Ewro 360 fix-xahar, li jinkludi spejjeż ta' edukazzjoni u saħħa.

Mill-provi prodotti, prova ta' arretrati ta' manteniment mid-data tal-ewwel digriet tal-Qorti f'Jannar 2014 ma saritx. Ir-rikorrenti ressqet il-provi dwar l-ispejjeż tal-edukazzjoni u saħħa sat-18 ta' Frar 2016, id-data tat-tieni digriet, liema ammont ta' arretrati jammonta għal Ewro1176.11, u għalhekk il-Qorti tara li dan l-ammont huwa dovut mill-konvenut.

Illi dak mitlub dwar l-arretrati ta' manteniment għandhom ikunu wkoll dovuti liż-żewġ ulied sa mid-data li huma telqu mill-istitut. Għalhekk, D li telqet mill-istitut fit-28 ta' Lulju 2005, għandha tirċievi arretrati ta' manteniment ta' Ewro 200 fix-xahar minn dik id-data sal-21 ta' Jannar 2014, u t-tifla l-oħra għandha tirċievi arretrati ta' manteniment ta' Ewro 200 fix-xahar mill-2011 sal-21 ta' Jannar 2014. Dan ifisser li r-rikorrent irid iħallas manteniment għal D fl-ammont ta' Ewro18,000, u lit-tifla l-oħra E fl-ammont ta' Ewro4,800.

Illi t-tfal illum huma maġġorrenni, iżda ġie sostnut li għadhom qed jistudjaw fl-MCAST. Illi sakemm dawn l-ulied għadhom qed jistudjaw, il-manteniment jibqa' dovut. Għalhekk, din il-Qorti tordna lill-konvenut iħallas l-ammont ta' Ewro 200 fix-xahar għal kull wild, f'każ li jibqgħu jistudjaw sa ma jilħqu t-tlieta u ghoxrin (23) sena.

Ir-rikorrenti talbet ukoll sabiex tirċievi mingħand il-konvenut retta alimentarja għaliha oltre` milli għall-ulied, iżda tenut kont tal-fatti u ċirkostanzi kollha tal-każ, m'hemmx lok ta' ħlas ta' manteniment għar-rikorrenti.

[5] Fol 83.
[6] Fol 119.

Dwar it-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti

Fl-ewwel lok, bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

L-istess komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti fis-segwenti:

Il-kera tad-Dar Matrimonjali

Il-fond Q, Triq il-Q Bormla, li kien inxtara fl-4 ta' Lulju 1997. Ma nġibitx prova kuntrarja għalhekk il-proprjetà qegħda titqies parafernali tal-konvenut. Iżda, irriżulta wkoll mill-atti, li l-partijiet għandhom bilanċ ta' dejn fl-ammont ta' Ewro 8432.29. Madankollu, dan il-fond li kellu jkun id-dar matrimonjali tal-partijiet kien jinkera. Il-fatt li l-fond kien jinkera jinsab korroborat mix-xiehda tal-partijiet, kif ukoll mix-xiehda ta' H I, li kienet u għadha l-inkwilina.

Ir-rikorrenti qed tikkontendi li hija ma kienet tara xejn minn din il-kera ta' dan il-fond. Min-naħa l-oħra, l-konvenut isostni li kien juża l-introjtu tal-kera għax-xiri tal-ħajja ta' kuljum. Mill-'employment history' tal-konvenut esebiti fl-atti, jirriżulta li hu kien jaħdem l-aktar part-time, ghal ftit xhur u ma jibqax, għalhekk jagħmel sens dak sostnut mir-rikorrenti li l-partijiet kienu igħixu mill-għajnuna soċjali u mill-kera tal-fond fi Triq il-Q, u l-Qorti tista' toqgħod ukoll fuq ix-xiehda tar-rikorrenti li dan il-fond kien jinkera għal LM100 ekwivalenti ghal Ewro 232.93 fix-xahar u mhux LM500 kif xehdet H I. Fil-fatt jirriżulta li l-partijiet kellhom għal perjodu ta' żmien iħallsu l-kera biex jirrisjedu f'fond ieħor fi Triq X Bormla. Għalhekk, il-Qorti temmen il-verżjoni tar-rikorrenti fir-rigward ta' dan, stante li l-istess konvenut ikkonferma fix-xiehda tiegħu li hu ma kienx jafda lil martu bil-flus għax tberbaqhom. Għalhekk, din il-Qorti tqis li r-rikorrenti għandha dritt tirċievi l-arretrati ta' nofs il-kera ta' dan il-fond sa mid-data tas-separazzjoni *de facto*, u ċjoe` mid-data tas-26 ta' Diċembru 2005 sal-lum. Il-kera dovuta hija ta' tlett kwarti l-ammont ta' LM100, ekwivalenti għal Ewro232.93 fix-xahar stante li l-ħtija ġiet attribwita bħala tlett kwarti għall-konvenut u kwart għar-rikorrenti. Dan iffisser li r-rikorrenti għandha tirċievi mingħand il-konvenut l-ammont ta' Ewro174.69 sa minn Diċembru 2005 sal-lum, li jammonta għall-ammont ta' arretrati ta' kera ta Ewro2,096.37 f'sena u sal-lum, l-ammont dovut lir-rikorrenti jammonta għal Ewro27,252.81. Inoltre`, l-inkwilina H I qed tiġi ordnata sabiex mil-lum 'il quddiem, tħallas nofs il-kera lir-rikorrenti u nofs il-kera lill-konvenut.

Illi kif konkjuż mill-Perit Legali, kemm-il darba l-imsemmi fond ma jibqax jinkera u jinbiegħ u l-inrojtu għandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Flus li l-partijiet issellfu mingħand omm ir-rikorrenti.

Illi jirriżulta mill-provi, li mill-ammont ta' dejn ta' Ewro 8433.77 li l-partijiet kellhom mal-BOV, il-konvenut diġà ħallas is-sehem ta' Ewro4216.88, stante li huwa esebixxa r-riċevuta dwar dan. Illi wara li l-partijiet isseparaw il-konvenut xehed li kien mar il-Bank BOV ma omm ir-rikorrenti u ħallas dan l-ammont. Dan jinsab ukoll rifless fit-testment ta' omm ir-rikorrenti esebit fl-atti. Għalhekk, ladarba sehem il-konvenut huwa mħallas, hija r-rikorrenti li għad fadal tħallas lil ommha l-ammont rimanenti.

Vetturi

Jirriżulta mix-xhieda ta' Stephen Cachia, in rappreżentanza ta' Transport Malta, il-vetturi reġistrati f'isem ir-rikorrenti huma il-vetturi Renault 11 b'numru ta' reġistrazzjoni EAD-846, Hyundai Excel b'numru ta' reġistrazzjoni EAA-032, Vauxhall Nova numru ta' reġistrazzjoni KAB-493, u Fiat 131 b'numru ta' reġistrazzjoni KAQ-435. Sussegwentement, ġie verbalizżat fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2018, li l-partijiet m'għandhomx vetturi. Għalhekk, f'dawn iċ-ċirkostanzi, u jekk ikun il-każ, kull parti għandha tiġi assenjata l-vetturi reġistrati f'isimha.

Depożiti Bankarji

Jirriżulta li llum għad hemm depożitu bankarju biss f'isem ir-rikorrenti mal-BOV fejn mix-xiehda tar-rappreżentant tal-Bank jirrizulta li kien hemm l-ammont ta' Ewro 444.63 sas-7 ta' Mejju 2018, fejn l-attriċi tirċievi l-benefiċċju soċjali. Dan il-kont għandu jibqa' proprjetà` esklussiva tar-rikorrenti.

Self Bankarju

Illi jirriżulta mix-xiehda tar-rappreżentant tal-HSBC Bank Malta plc li l-partijiet kellhom loan account fejn sal-14 ta' Mejju 2018 kien għad fadal l-ammont ta' Ewro 2067.66 x'jitħallas, u skont id-dokument esebit Dok HSBC (x) jirriżulta li l-partijiet kienu ħadu loan ta'

Lm1000, u li l-aħħar pagament li sar kien ta' Ewro 80 fl-1 ta' Novembru 2004. Peress li dan is-self sar fiż-żwieġ, u ċjoe` fit-23 ta' Lulju 2001, dan l-ammont dovut għandu jitħallas konġuntivament bejn il-partijiet.

Dwar il-Beni Dotali u Parafernali tar-Rikorrenti

Illi m'hemm l-ebda oġġezzjoni li l-oġġetti kollha dotali u parafernali tar-rikorrenti jiġu kkonsenjati lilha. Madankollu, dawn l-oġġetti bl-ebda mod ma ġew indikati jew ippruvati fil-mori tal-proċeduri odjerni, u għalhekk it-talba tar-rikorrenti f'dan ir-rigward ma ġietx ippruvata, kwindi l-istess talba qed tiġi miċħuda.

Illi fit-talba rikonvenzjonali tiegħu, l-konvenut għamel talba simili sabiex ir-rikorrenti tikkonsenja l-beni parafernali u dotali ta' beni, iżda fil-karenza ta' prova, it-talba ma tistax tintlaqa'.

L-allegat self mingħand ħu l-konvenut

Il-konvenut jikkontendi li l-partijiet issellfu LM7000 mingħand ħuh biex jirranġaw id-dar. Fil-fatt, ħu r-rikorrent, J B esebixxa skrittura bejniethom Dok JC1 li turi s-self ta' Ewro5000 liema self sar lill-konvenut fl-1998 u mhux lir-rikorrenti u lill-familtha. Minbarra hekk, ma saret l-ebda prova li dan is-self sar biex il-partijiet jirranġaw id-dar matrimonjali tal-partijiet. Għalhekk, jekk sar dan is-self, dan għandu jitħallas mill-konvenut waħdu u ċertament mhuwiex dejn tal-partijiet.

Dwar id-Dekadenzi Stipulati fl-Artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili.
L-applikazzjoni tal-Artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenut.

Illi l-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili huwa mandatarju li jiġi applikat fil-konfront ta' min għandu tort mill-partijiet, f'każ ta' abbandun jew ta' adulterju. Fir-rigward tal-motivi l-oħra ta' separazzjoni personali, il-Qorti għandha d-diskrezzjoni ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-Kap 16 jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. L-Artikolu 48 jipprovdi:

"48. (1) Il-parti, ir-raġel, jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef:
(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[7];

[7] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
(c) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jtqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
(d) il-jedd li ġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ."

Illi ż-żwieġ bejn il-partijiet sfaxxa minħabba tort taż-żewġ partijiet, bit-tort attribwit tlett kwarti lill-konvenut u kwart lir-rikorrenti. Illi l-artikolu 48 japplika meta jkun hemm ħtija tal-firda għar-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41. Fil-każ in eżami, tirriżulta ħtija abbażi tal-artikolu 40 li jittratta eċċessi, moħqrija, theddid u offiżi gravi, iżda din il-ħtija hija fil-konfront tat-tnejn. L-abbandun jirriżulta wkoll abbażi tal-artikolu 41 tal-Kap 16, iżda l-abbandun ġara ħafna wara li l-partijiet akkwistaw l-fond, li kien id-dar matrimonjali, stante li l-abbandun seħħ fis-26 ta' Diċembru 2005. Għalhekk, il-Qorti qegħda tapplika parzjalment kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 48, 50 u 51 b'mod li dawn id-dispozizzjonijiet ma japplikawx għall-arretrati tal-kera rigward il-fond matrimonjali fi Triq il-Konservatorju Bormla. Għaldaqstant, il-Qorti qegħda tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti parzjalment. In segwitu, il-Qorti qegħda tiċħad ir-raba' talba tal-konvenut rikonvenzjonant.

Il-Qorti qegħda tiċħad ukoll il-ħames talba tal-konvenut rikonvenzjonant stante li ma ġie ppruvat xejn rigward dak pretiż b'referenza għal oġġetti dotali u/jew parafernali.

Din il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors tar-rikorrenti ppreżentat fit-8 ta' Marzu 2018, fejn ir-rikorrenti talbet li din il-kawża bħala kawża ta' separazzjoni personali, tiġi konvertita f'kawża ta' divorzju, stante li ilhom aktar minn erba' snin separati *de facto*. Permezz tad-digriet datat 9 ta' Jannar 2020 fil-każ 205/14/1, intlaqgħet it-talba tar-rikorrenti, li l-kawża ta' separazzjoni tiġi konvertita f'kawża ta' divorzju. Illi wara eżami tal-atti tal-każ ta' separazzjoni, fejn il-kwistjoni tal-manteniment u l-arretrati tal-manteniment hija provvduta, kif indikat aktar 'il fuq. Jirriżulta mill-provi li l-partijiet ilhom aktar minn erba' snin separati *de facto*, u m'hemmx lok għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet. Għalhekk, il-kondizzjonijiet meħtieġa għad-divorzju kienu

jissusistu, u proprju għalhekk, intlaqa' r-rikors tar-rikorrenti għall-konvenzjoni ta' dan il-każ, f'każ ta' divorzju.

DECIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif ġej:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-kontendenti.

2. Tilqa' limitatament it-tieni talba tar-rikorrenti billi tapplika parzjalment kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 48,50, u 51 tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta, b'dan li l-konvenut jitlef nofs l-akkwisti li saru waqt iż-żwieġ, b'eċċezzjoni għal-sehmu mill-kirja tal-fond Q Triq il-Q Bormla, skont kif deċiż aktar 'il fuq indikat fis-subtitolu Il-Kera tad-Dar Marrimonjali.

3. Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara xolta u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti.

4. Tilqa' r-raba' talba u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet skont dak indikat fit-Titolu Dwar it-Terminazzjoni u Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti.

5. Tiċħad it-talba tar-rikorrenti b'referenza għall-oġġetti parafernali għar-raġunijiet spjegati.

6. Tilqa' limitatament is-seba' talba u tordna lil-intimat iħallas manteniment għal uliedu fis-somma ta' mitejn Ewro (Ewro 200) kull xahar għal kull wild, liema manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Illi tali manteniment jibqa' jitħallas sakemm l-imsemmija D u E jibqgħu jistudjaw fuq bażi full-time, għalhekk diment li huma jibqgħu jistudjaw *full-time*, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm huma jagħlqu tlieta u għoxrin (23) sena.

Inoltre, ir-rikorrent irid iħallas l-ammont ta' arretrati ta'manteniment elf mija u sitta u sebgħin Ewro u ħdax-il ċenteżmu (Ewro1176.11) rappreżentanti spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni sad-data tat-tieni digriet tal-Qorti dwar il-manteniment.

Ir-rikorrent qed jiġi ordnat iħallas ukoll l-arretrati ta' manteniment minn meta uliedu ħarġu mill-istitut sad-data tal-ewwel digriet tal-Qorti. Ir-rikorrent għandu jħallas l-ammont ta' arretrati ta' manteniment għal D fl-ammont ta' tmintax-il elf Ewro (Ewro18,000) u għal E fl-ammont ta' erbat elef, u tmien mitt Ewro (Ewro4,800).

Tiċħad it-talba għall-ħlas ta' manteniment għar-rikorrenti.

7. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti biex tirreverti għal kunjom xbubitha u ċjoe` C.

8. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tawtorizża lir-rikorrenti tirreġistra din is-sentenza fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta.

<u>Illi fir-rigward tal-Kontro-Talba:</u>

1. Il-Qorti tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-kontendenti.

2. Tiċħad it-tieni talba tar-rikorrent rikonvenzjonant stante li l-ulied huma maġġorenni.

3. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrent rikonvenzjonant, u tiddikjara xolta u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti.

4. Tiċħad ir-raba' talba tar-rikorrent rikonvenzjonant.

5. Tiċħad il-ħames talba tar-rikorrent rikonvenzjonant.

Bl-ispejjeż jitħallsu tlett kwarti mill-konvenut u kwart mir-rikorrenti.